

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għas-Sajd

2008/2101(INI)

14.10.2008

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-azzjoni Komunitarja rigward il-kaċċa għall-balieni
(2008/2101(INI))

għall-Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Elspeth Attwooll

PR_INI

WERREJ

Pàgna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .. **Error! Bookmark not defined.**

NOTA SPJEGATTIVA**Error! Bookmark not defined.**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-azzjoni Komunitarja rigward il-kaċċa għall-baleni (2008/2101(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali għar-Regolamentazzjoni tal-kaċċa għall-baleni tal-1946 u t-twaqqif tal-Kummissjoni Internazzjonali dwar il-kaċċa għal Baleni (IWC),
 - wara li kkunsidra l-moratorju tal-IWC fuq il-kaċċa kummerċjali għall-baleni li daħal fis-seħħ fl-1986,
 - wara li kkunsidra l-aġġornament taċ-Ċetaċċi tal-Lista l-Ħamra tal-Ispeċijiet fil-Periklu tal-2008 li saret mill-Unjoni Internazzjonali tal-Konservazzjoni tan-Natura,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 37 u 175 tat-Trattat KE,
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-19 ta' Diċembru 2007 dwar l-azzjoni Komunitarja rigward il-kaċċa għall-baleni (COM(2007)0823),
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni 9818/08 adottata mill-Kunsill fit-3 ta' Ġunju 2008 dwar il-kaċċa għall-baleni,
 - wara li kkunsidra t-twaqqif ta' Grupp Żgħir ta' Ħidma dwar il-futur tal-IWC (il-“Grupp ta' Ħidma”) mill-IWC matul is-60 laqgħa annwali tagħhom f'Santiago, iċ-Ċili, f'Ġunju 2008,
 - wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-abitati naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (id-Direttiva dwar l-Abitati)¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A6-0000/2008),
- A. billi l-għan primarju għandu jkun il-protezzjoni tal-bijodiversità, li jinkludi l-konservazzjoni tal-ispeċi,
- B. billi l-benessri tal-annimali dejjem għandu jġi kkunsidrat,
- C. billi madankollu hemm kwistjonijiet ta' sikurezza u provvista tal-ikel, b' mod partikulari għall-komunitajiet li tradizzjonalment jikkaċċjaw għall-baleni,
- D. billi “t-tfixkil, il-qbid jew il-qtil intenzjonat” tal-ispeċi kollha tal-baleni attwalment huwa

¹ ĠU L 206, 22.7.1992, p.7.

pprojbit fl-ibħra tal-Komunità skont id-Direttiva tal-Abitati,

- E. billi kważi waħda minn fuq kull erba' speċi taċ-ċetaċċi attwalment huma kkunsidrati f'periklu, b'disa' speċi elenkati bħala f'periklu jew f'periklu serju,
- F. billi s-sitwazzjoni ta' tipi differenti ta' balieni tjebet sa mill-introduzzjoni tal-moratorju,
- G. billi l-moratorju oriġinarjament kien intenzjonat li jdum sakemm tibda titħaddem skema ta' mmaniġġjar adegwata,
- H. billi mhux il-membri kollha tal-IWC jaqblu mal-moratorju,
- I. billi l-moratorju fl-ebda każ, ma jkopri l-qtil tal-balieni għal skopijiet xjentifiċi,
- J. billi n-numru ta' balieni maqtula fil-fatt żdied sa mill-introduzzjoni tal-moratorju,
- K. billi n-numru ta' NGOs u entitajiet oħra esprimew dubbji dwar jekk l-istudji xjentifiċi tal-balieni jeħtieġx prattiki letali u tħassib li l-laħam ta' dawn il-baleni huwa użat għal finijiet kummerċjali,
- L. billi, minkejja t-titjib riċenti, il-metodi li bih il-balieni jiġu maqtula xorta ma jilhqax l-istandards mixtieqa,
- M. billi ċ-ċetaċċi huma f'periklu mhux biss minħabba l-kaċċa iżda wkoll minħabba l-bidla fil-klima, it-tniġġis, l-inċidenti li jinvolvu l-vapuri, it-tagħmir tas-sajd, is-sonar u perikli oħrajn,
- N. billi l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill 9818/08 ibbażżat ruħha fuq l-Artikolu 175 tat-Trattat KE u rrelatat biss mal-laqgħa tal-IWC imsemmija hawn fuq f'Santiago, iċ-Ċili, , f'Ġunju 2008,
 - 1. Jistieden lill-Kunsill biex jadotta pożizzjoni komuni ġdida skont l-Artikolu 37 kif ukoll Artikolu 175 tat-Trattat KE;
 - 2. Jemmen li l-konservazzjoni tal-balieni u ċetaċċi oħra fl-aħħar mill-aħħar tiddependi fuq l-iżvilupp ta' miżuri li huma suġġetti għal qbil universali;
 - 3. Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lil daww l-Istati Membri li qed jipparteċipaw fil-Grupp ta' Ħidma biex jaħdmu għall-ilħuq ta' dan il-qbil;
 - 4. Jemmen li d-diskussjonijiet mal-Grupp ta' Ħidma għandhom ikunu suġġetti għall-akbar trasparenza possibbli;
 - 5. Jispera li l-Grupp ta' Ħidma jindirizza l-kwistjoni tal-kaċċa letali għall-balieni għal skopijiet xjentifiċi sabiex isib bażi biex tiġi eliminata;
 - 6. Jirrispetta l-bżonn ta' kaċċa limitata li għandha ssir minn daww li tradizzjonalment jikkaċċjaw għall-iskop ta' provvista ta' ikel, iżda jitlob li ssir enfasi akbar fuq ir-riċerka dwar metodi ta' qtil umani u kif ukoll l-użu tagħhom;

7. Jitlob li din it-tip ta' kaçça issir biss bi kwoti çari bbażati fuq pariri xjentifiçi, taħt kontrolli stretti u b'reġistrazzjoni sħiħa;
8. Jitlob ukoll li jitwaqqfugħat-twettiq, f'postijiet adattati madwar id-dinja, aktar riservi tal-baħar li fihom il-balieni jirçievu protezzjoni speçjali;
9. Jitlob li theddid fuq il-popolazzjoni taç-çetaçji kkawżat mill-bidla fil-klima, it-tniġġis, l-inċidenti li jinvolu l-vapuri, it-tagħmir tas-sajd, is-sonar u perikli oħrajn jiġi indirizzat 'il-barra minn dawn iż-żoni ta' protezzjoni;
10. Jikkunsidra li l-Kummissjoni għandha, qabel ma tittieħed azzjoni globali, tressaq aktar proposti biex topponi dawn it-theddid fir-rigward tal-ibħra u bastimenti tal-Komunità;
11. Jagħti istruzzjoni lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, u lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamentari tal-Istati Membri, lill-Kummissjoni Internazzjonali tal-Kaçça għall-Balieni, lill-Kunsilli Reġjonali ta' Konsulenza, lill-Kumitat Konsultattiv għas-Sajd u l-Akkwakultura u l-Organizzazzjonijiet Reġjonali ta' Ġestjoni tas-Sajd li l-UE tagħmel parti minnhom.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-Kumitat Internazzjonali dwar il-Kaċċa għall-Balieni (IWC) twaqqaf permezz tal-Konvenzjoni Internazzjonali tal-1946 għar-Regolamentazzjoni tal-Kaċċa għall-Balieni, ikkaratterizzata minn anness li jirregola l-modalitajiet. 20 mis-27 Stat Membru jagħmlu parti minn din il-Kummissjoni.

Bħala riżultat tat-tħassib rigward il-periklu li tiffaċċja l-ispeċi, ġiet stabbilita moratorja fl-1982 dwar il-kaċċa għall-balieni għal skopijiet kummerċjali, li daħlet fis-seħħ fl-1986. Din kienet maħsuba li tibqa' tapplika sa ma tiġi implimentata Proċedura ta' Ġestjoni Riveduta, sabiex ikun hemm limiti fl-ammonti kkaċċjati fuq bażi ta' dejta xjentifika.

Il-Proċedura ġiet miftehma fl-1994 iżda l-Iskema ta' Ġestjoni Riveduta li tmur magħha għadha mhix qed tiġi implimentata. Fil-laqgħa tagħha f'Santiago, Ċili, f'Ġunju 2008, l-IWC waqqfet grupp ta' ħidma sabiex iseħħ progress fil-kwistjoni.

Qabel il-laqgħa fiċ-Ċili, il-Kunsill, b'maġġoranza kkwalifikata, adotta pożizzjoni komuni għall-iskopijiet tal-istess laqgħa. Din il-pożizzjoni kienet tappoġġja ż-żamma tal-moratorja, kienet kontra kwalunkwe proposta rigward tipi ġodda ta' kaċċa għall-balieni sakemm dawn ma kinux "jiggarantixxu titjib sinifikanti fl-istat ta' preservazzjoni tal-balieni fuq medda twila ta' żmien u jġibu l-azzjonijiet kollha ta' kaċċa għall-balieni min-naħa ta' membri tal-IWC taħt il-kontroll tal-IWC", kienet tappoġġja wkoll il-proposti bil-għan li tintemm il-"kaċċa għall-balieni għal raġunijiet xjentifiċi" li ma taqgħax taħt il-kontroll tal-IWC, kif ukoll dawk għall-ħolqien ta' postijiet ta' protezzjoni għall-balieni u għall-ġestjoni tal-kaċċa għall-balieni għall-għajxien, li hija soġġetta għal bosta kundizzjonijiet.

Il-kaċċa għall-balieni tikkostitwixxi kwistjoni li dwarha l-opinjoni pubblika hija diviża. Għandu jiġi nnutata li l-moratorja tapplika biss għall-kaċċa għall-balieni għal skopijiet kummerċjali. Minbarra l-eċċezzjoni tal-kaċċa għall-għajxien, ir-riċerka xjentifika tista' titwettaq b'permessi speċjali li jinħarġu mill-pajjiż li jkun se jwettaq ir-riċerka. Għandu wkoll jiġi nnutat li mhux il-membri kollha tal-IWC kienu firmatarji tal-moratorja, u għalhekk il-kaċċa għal skopijiet kummerċjali għadha sseħħ.

Analiżi reċenti tal-Unjoni Internazzjonali għall-Preservazzjoni tan-Natura tindika li kważi waħda minn kull erba' speċijiet ċetaċej jinsabu mhedda, u disa' speċijiet huma elenkati bħala mhedda jew inkella bħala mhedda b'mod serju. Sa mill-introduzzjoni tal-moratorja, ġie nnutat titjib fil-popolazzjonijiet ta' ċerti speċijiet, partikolarment tal-balieni ta' daqs ikbar.

Fl-istess ħin, jidher li n-numru ta' balieni maqtula żdied sa mill-introduzzjoni ta' din il-moratorja. Hemm ukoll indikazzjonijiet li juru li l-użu kummerċjali tal-laħam tal-balieni huwa konsegwenza tal-"kaċċa għall-balieni għal skopijiet xjentifiċi".

Il-balieni huma wkoll mhedda mill-ħbit mal-bastimenti, mit-tagħmir tas-sajd, mill-bidla fil-klima, mis-sonars u minn perikli oħra bħat-tniġġis.

Huwa għalhekk importanti li s-sitwazzjoni tal-balieni u l-kwistjoni tal-kaċċa għall-balieni jiġu indirizzati fuq bażi komprensiva u skont ir-regoli applikabbli għall-membri kollha tal-IWC.

Jekk dan ma jseħħx, il-preservazzjoni tal-balieni se tkompli tkun mhedda kemm fuq il-medda ta' żmien twila kif ukoll fuq dik qasira.

Wieħed jittama li xi Deċiżjoni futura tal-Kunsill tadotta approċċ komprensiv xieraq u li jikkontribwixxi għall-kisba ta' kunsens.

Minbarra dan, għalkemm il-balieni bħalissa huma protetti minn "disturbi, qbid jew qtil intenzjonali" fl-ibħra Komunitarji taħt id-Direttiva dwar l-Abitati, huma għadhom soġġetti għal bosta perikli oħra. Għalkemm diġà mbeda x-xogħol relatat mat-tagħmir tas-sajd, ikun ta' għajjnuna kieku l-Kummissjoni tressaq proposti ulterjuri għat-tnaqqis, u meta jkun possibbli, għall-eliminazzjoni ta' perikli bħal dawn.